

Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' April 2008 (Każijiet R 1573/2006-4 u R 1571/2006-4), dwar żewġ applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali WIENER WERKSTÄTTE bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Il-Kawżi T-230/08 u T-231/08 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

(2) Ir-rikorsi huma miċħuda.

(3) Paul Asenbaum huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 223, 30.08.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2010 — Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni u EACEA

(Kawża T-439/08) (¹)

“*Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar l-għoti ta' Ċentru ta' Eċċellenza Jean Monnet lill-Università ta' Ċipru — Dokumenti li joriġinaw minn terz — Rifjut parzjali ta' aċċess — Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Inammissibbiltà — Eċċezzjoni ta' illegalità — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni ta' interessi kummerċjali — Obbligu ta' motivazzjoni*”

(2010/C 328/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Kalliope Agapiou Joséphidès (Nikosija, Ċipru) (rappreżentant: C. Joséphidès, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Owsiany-Hornung u G. Rozet, aġenti); u Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) (rappreżentant: H. Monet, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-EACEA, tal-1 ta' Awwissu 2008, dwar talba għal aċċess għad-dokumenti dwar l-għoti ta' Ċentru ta' Eċċellenza Jean Monnet lill-Università ta' Ċipru u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3749, tat-8 ta' Awwissu 2008, dwar deċiżjoni individ-

wali ta' għoti ta' sussidju fil-kuntest tal-Programm għall-edukazzjoni u l-formazzjoni tul il-ħajja, sub-programm Jean Monnet.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kalliope Agapiou Joséphidès hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 237, 20.12.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2010 — Umbach vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-474/08) (¹)

“*Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jikkonċernaw kuntratt konkluż fil-kuntest tal-programm TACIS — Talba għal aċċess relatata mal-kawża bejn ir-rikorrent u l-Kummissjoni quddiem qorti ċivili Belġjana — Rifjut parzjali għal aċċess — Talba għal aċċess ibbażata fuq prinċipji li jirriżultaw mit-Trattat KE — Interess pubbliku superjuri*”

(2010/C 328/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Dieter C. Umbach (Bangkok, it-Tajlandja) (rappreżentant: M. Stephani, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Settembru 2008, li tirrifjuta l-aċċess tar-rikorrent għal ċerta data inkluża fid-dokumenti relatati ma' kuntratt intitolat “TACIS Service Contract Nru 98.0414”, dwar l-assistenza għat-tfassil ta' kodiċi amministrattivi favur il-Federazzjoni tar-Russja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Dieter C. Umbach huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 32, 07.02.2009.